MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2011

Numru. 25/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Angelo Gafa`]**

**vs**

**Lino Micallef**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Lino Micallef detentur tal-karta tal-identita` numru 278889(M).

Akkuzat talli:
F'dawn il-Gzejjer, fil-25 ta' Marzu 2009, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

Kif ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, halef il-falz quddiem ufficjal li kellu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament;

U aktar talli fil-25 ta’ Marzu 2009 jew fil-jiem ta’ qabel, wieghed, ta jew offra, sew b’mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex igieghel lil dik l-istess persuna tesercita dik l-influwenza.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tapplika l-provvedimenti ta’ l-Artikolu 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 17(h), 42(d), 121A(1), 188, 109 u 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Stante ammissjoni bikrija mill-imputat ghall-ewwel u ghat-tielet akkuza kif dedotti kontrih, u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu, u stante li l-imputat ikkopera bis-shih mal-prosekuzzjoni, u li l-fedina penali hija wahda netta u li l-Qorti hija sodisfatta li l-imputat ma kellux rwol dirett mal-otteniment tal-licenzja de quo, qeghda ssib lill-imputat Lino Micallef hati tal-ewwel u t-tielet akkuzi kif dedotti kontrih biss li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-lum, filwaqt li tilliberah mit-tieni akkuza stante nuqqas ta’ provi.

Finlament spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------